Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/56*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 56 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa 28 ta' Novembru, 2012 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-55**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Mill-Minuti 6-55**

3.01 **Paragrafu 4.09** dwar l-iskema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita, il-Kunsill qabel li għandna nitolbu kjarifikazzjoni dwar kif se titħaddem din l-iskema qabel isiru l-intervisti.

3.02 **Paragrafu 4.12** dwar proposta minn Chev. Tony Coleiro ta' Hotel Calypso. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien iltaqa' ma' Chev Tony Coleiro fejn ġew diskussi proposti dwar it-turiżmu għal gżira ta' Għawdex. Waħda mill-proposti hija bini ta' websajt li fiha t-turist ikun jista' jsib informazzjoni importanit dwar l-irħula ta' Għawdex. Ser issir link minn din il-websajt għal ma' tal-Kunsill u viċi versa. Il-Kunsill qabel li għandna ngħaddu l-informazzjoni li għandu bżonn dwar ir-raħal tagħna biex ikun jista' jitpoġġa fuq il-websajt.

3.03 **Paragrafu 4.12** dwar proposta biex issir Mappa tal-lokalita' ta' L-Għasri u jinbidlu diversi tabelli tat-traffiku. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv kienu iltaqgħu ma' Joe Fenech ta' Blues Ltd u identifikaw diversi tabelli li jridu jinbidlu. Dwar il-Mappa, ġie suġġerit li teħel waħda kbira fi Triq l-Għasri u oħra iżgħar fi Pjazza s-Salvatur. Dawn ikunu jistgħu isiru

minn naħa ta' Blues Ltd bla ħlas. Il-kumpanija tingħata id-dritt li tagħmel reklami fuq l-istess mapep.

3.04 **Paragrafu 5** dwar inizjattiva biex jinġabar aktar ħġieġ riċiklabbli. Il-Green mt ikkonfermat li se tassisti lill-Kunsill b'din l-inizjattiva li ser issir nhar il-Ħamis 6 ta' Diċembru.

3.05 **Paragrafu 10.01** dwar talba minn Maria Mizzi biex teħel lampa ġdida fi Triq il-Knisja peress li dik il-parti tat-triq hija mudlama. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Enemalta kienet approvat li teħel lampa ġdida f'din it-triq iżda mhux fil-post fejn indikat mill-Kunsill (mal-arblu li hemm ħdejn il-post ta' Maria Mizzi). L-Enemalta ipproponiet li l-lampa teħel ma' post li hemm faċċata tal-arblu ftit 'l fuq. Il-post inzerta li huwa tal-Viċi Sindku li minn naħa tiegħu ma sabx oġġezzjoni biex teħel din il-lampa. Il-Kunsill qabel li nagħmlu l-ordni tax-xogħol lil Richard Cauchi biex teħel lampa ġdida kif indikat mill-Enemalta.

3.06 **Paragrafu 10.02** dwar talba minn Nenu Caruana biex titranġa rampa fl-inħawi ta' Gallina. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa mar biex jara x'hemm bżonn isir. Il-Kunsill qabel li r-rampa titranġa bil-konkos.

3.07 **Paragrafu 10.04** dwar ix-xogħol li sar fi Sqaq San Pupulju. Il-Kunsill qabel li għalissa ma jitkomplix ix-xogħol. Dan għar-raġuni li ħarġet skema ta' fondi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-proġetti speċjali. Għalhekk il-Kunsill jista' japplika biex jitkompla dan l-isqaq u isir anke Sqaq Dun Ġużepp Cassar u b'hekk il-proġett jitkompla permezz ta' dawn il-fondi.

## 4. Korrispondenza

4.01 Memo 39/2012 – Servizz ta' Contract Manager u Perit.

4.02 Memo 40/2012 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta' ta' Librerija Lokali. Il-Kunsill qabel li naplikaw għal din l-iskema.

4.03 Memo 41/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 37719 dwar xogħlijiet ta' asfaltar ta' toroq.

4.04 Memo 42/2012 – Responsabbiltajiet ta' Segretarju Eżekuttiv.

4.05 Memo 43/2012 – Konferenza Nazzjonali: Mobilita' Sostenibbli f'Malta – Riċerka dwar it-Trasport fil-Prattika.

4.06 Memo 44/2012 – Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar it-Traspożizzjoni tad-Direttiva 2012/19/ dwar Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku.

4.07 Memo 45/2012 – Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013. Kif ġie diskuss aktar kmieni il-Kunsill qabel li naplikaw għal din l-iskema biex isir xogħol ta' tisbiħ fi Sqaq San Pupulju u Sqaq Dun Ġużepp Cassar. B'hekk tissolva wkoll il-problema tal-ilma tax-xita f'dawn l-inħawi.

4.08 Memo 46/2012 – Kunsill tal-Ewropa – Social Cohesion Action Plan u Spiral Methodology – Preżentazzjoni u Taħriġ.

4.09 Memo 47/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 38475 dwar events coordinators.

4.10 Memo 48/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 38470 dwar working capital tal-2011 u l-2012 sal-aħħar ta' Settembru.

4.11 Memo 49/2012 – Skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2013.

4.12 Memo 50/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 38554 dwar nefqa proġettata.

4.13 Memo 51/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 38555 dwar L-Uffiċċju Amministriv.

4.14 Memo 52/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 38556 dwar kuntratti skaduti.

4.15 Memo 53/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 38552 dwar xogħlijiet ta' asfaltar ta' toroq – skema PPP.

4.16 Mary Camilleri li tagħmel il-laqgħat tad-dutrina lit-tfajliet ta' L-Għasri infurmat lill-Kunsill b'inizjattiva li ser issir fi żmien il-Milied. Ser issir siġra tal-Milied li tiżżejjen mit-tfal stess. Hija talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex din l-attivita tkun tista' issir. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu f'din l-attivita.

4.17 Il-Perit Audrey Testaferrata de Noto infurmat lill-Kunsill li Transport Malta ma approvatx li jsiru r-Road Humps fi Triq Għammar peress li minn din it-triq jgħaddi t-trasport pubbliku. Transport Malta ipproponew li jeħlu tabelli u jsiru marki tat-traffiku li jindikaw li f'din it-triq il-massimu ta' veloċita m'għandux jeċċedi l-erbgħin kilometru fis-siegħa. Transport Malta ipproponew ukoll sabiex l-pedestrian crossings li hemm fl-istess triq isirulha l-belisha beacons, flood lights u marki tat-traffiku. Il-Perit Audrey Testafarrata de Noto talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel pjanta b'dawn id-dettalji u jibgħatha lill-Transport Malta għall-approvazzjoni. Il-Kunsill qabel li inqabbdu lill-Perit John Saliba sabiex jipprepara pjanta kemm tal-pedestrian crossing li hemm fi Triq Ta' Għammar u anke ta' dik li hemm fi Triq il-Fanal u b'hekk dawn ikunu skond kif ikunu approvati minn Transport Malta.

4.18 Adam Bugeja ta' Emcare Care Centre informa lill-Kunsilli Lokali dwar preżentazzjonijiet li qed jagħmlu f'ċentri ta' matul il-jum għall-anzjani. Peress li l-anzjani tar-raħal tagħna jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum ta' Għajnsielem, din il-preżentazzjoni tista' issir hemm.

4.19 Il-Kunsill tal-Volontarjat informa lill-Kunsilli Lokali dwar laqgħat li ser isiru għall-għaqdiet fis-settur tal-volontarjat. Dawn il-laqgħat ser isiru matul is-sena d-dieħla.

4.20 Victim Support Malta infurmaw lill-Kunsill dwar proġett li qed jagħmlu f'Malta u Għawdex fejn jassistu anzjani li jistgħu jsofru minn abbużi. Dr Roberta Lepre talbet ukoll il-koperazzjoni tal-Kappillan Rev. Edward Xuereb biex isiru laqgħat għall-anzjani dwar dan is-suġġett.

4.21 Il-Kumitat Jum Marittimu Ewropew informa lill-Kunsilli Lokali dwar attivitajiet li jistgħu isiru fl-okkażjoni tal-Jum Marittimu 2013 li jiġi iċċelebrat fl-20 ta' Mejju.

4.22 Dr Karen Vincenti f'isem it-Taqsima għal Koordinament tal-Politika għas-Saħħa Ambjentali irringrazzjat lill-Kunsill tal-koperazzjoni tiegħu biex jitpoġġa l-apparat tar-radon fil-binja tal-Kunsill għal programm Nazzjonali ta' monitoraġġ tar-radon. Dr Vincenti infurmat lill-Kunsill li l-livell li nstab fil-bini tal-Kunsill matul il-perjodu Novembru 2010 u Diċembru 2011 kien wieħed aċċettabbli kif rakkomandati mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa u mill-Unjoni Ewropeja.

4.23 Il-Moviment Kerygma informa lill-Kunsilli Lokali dwar il-Premju Żagħżguħ tas-Sena 2012. Nominazzjonijiet iridu jsiru sa mhux aktar tard mis-7 ta' Diċembru.

4.24 Caritas Malta Epilepsy Association infurmaw lill-Kunsilli Lokali dwar kif għandu jsir it-tiżjin tal-Milied biex ma jkunx ta' inkonvenjent għal min ikollu din il-kundizzjoni.

4.25 L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar bicycle routes għat-turisti li ġew identifikati flimkien mal-Malta Tourism Authority.

4.26 Carmel Magri bagħat kopja ta' ittra u artiklu li dehru fl-1965 fil-ġurnal Il-Berqa. L-artiklu kien dwar Triq L-Għasri t-triq il-ġdida (għal dak iż-żmien) li infetħet f'dawk iż-żminijiet.

## 5. Attivitajiet u Tiżjien tal-Pjazza fi żmien il-Milied 2012

Is-Sindku informa lill-Kunsill li diġa bdew isiru x-xogħlijiet meħtieġa biex jiġu organizzati l-attivitajiet tal-Milied. L-attivita li issir fis-sala tal-parroċċa ser tinżamm nhar il-Ħamis 27 ta' Diċembru. Il-party tat-tfal fil-Museum ser isir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru u l-attivita għall-anzjani ser issir nhar is-Sibt 29 ta' Diċembru.

Dwar it-tiżjin il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet. Dawn huma ta' Chris Gauci (€650) u ta' Micho Lighting (€499). Il-Kunsill qabel li għandha tiġi aċċettata l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża.

## 6. Laqgħa Pubblika, Budget 2013 u Business Plan 2013-2015

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li qabel tintemm is-sena rridu nsejħu l-laqgħa pubblika fejn il-pubbliku jkun jista' jwassal is-suġġerimenti/ilmenti tiegħu u jiġu diskussi l-Budget 2013 u l-Business Plan 2013-2015. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika għandha ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012 fis-7.00pm. Ser isiru l-avviżi biex ir-residenti jkunu mgħarfa bid-dettalji ta' din il-laqgħa.

## 7. Offerta dwar Ġbir ta' Skart Domestiku

*F'dan il-ħin tal-laqgħa l-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni.*

Kif kien propost fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, saret laqgħa bejn is-Sindki u Segretarji Eżekuttivi ta' L-Għarb, L-Għasri u San Lawrenz. Is-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi tal-lokalitajiet konċernati iltaqgħu biex tiġi diskussa kif se titmexxa l-proċedura tal-għażla tal-offerta. Matul din il-laqgħa s-Sindku Andrew Vella beda diskussjoni dwar kif għandhom jinqasmu ir-rati tal-offerta u ippropona li għandhom jitqassmu skond il-ftehim li kien sar bejn l-istess Kunsilli jiġifieri proporzjonalment skond il-households jew popolazzjoni. Is-Sindku ta' San Lawrenz Anthony Formosa qabel ma' din il-proposta iżda s-Sindku ta' L-Għarb David Apap ma qabilx. Is-Sindku David Apap

sostna li hu irid li jimxu mar-rati kif mitfugħha skond il-baġit tagħhom. Matul din il-laqgħa intlaħaq ftehim li l-Bord ta' Evalwazzjoni għandu jiġi maħtur biex jibda il-proċess u jirrakkomanda lill-Kunsilli liema huma l-offerti validi. Il-membri tal-Bord huma Dr Joshua Grech, Dr Josette Spiteri Cauchi u s-Sur Paul Zahra.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv attendew ukoll għall-ewwel laqgħa ta' dan il-Bord. Matul din il-laqgħa s-Sindku Andrew Vella talab lill-Bord ta' Evalwazzjoni sabiex l-istess Bord jitlob spjegazzjoni lill-kuntratturi (li għandhom l-offerta valida) kif waslu għar-rati tagħhom fejn il-Kunsill ta' L-Għasri li huwa l-iżgħar raħal bħala popolazzjoni/households ingħata rata akbar minn dik ta' raħal li huwa kważi tlett darbiet akbar. F'dan il-ħin tal-laqgħa s-Sindku ta' L-Għarb daħal ukoll għad-diskussjoni (peress li sa dak il-ħin ma kienx preżenti) fejn qal li l-Bord ta' Evalwazzjoni għandu jkompli biss il-proċess ta' evalwazzjoni. Wara l-Kunsilli jiddiskutu bejnithom dwar kif għandhom jinqasmu r-rati. Huwa reġa' sostna li l-Kunsill tiegħu mhux se jiċċaqlaq mill-ammont li kellu fil-baġit li għamel mal-offerta.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar dan is-suġġett u qabel li mhux aċċettabli li l-Kunsill tagħna iħallas b'rata akbar minn raħal li għandu popolazzjoni/households kważi tlett darbiet aktar minn tagħna. Is-Sindku ippropona li niktbu ittra liż-żewġ Kunsilli l-oħra fejn navżawhom li jekk ma jiġix onorat il-ftehim li kien sar bejn it-tlett Kunsilli, jiġifieri li r-rata tinqasam proporzjonalment, il-Kunsill tagħna kien se jikkunsidra li jirtira minn din l-offerta u joħroġ offerta mill-ġdid. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-kuntratt li għandna preżenti jagħlaq fl-aħħar ta' din is-sena. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-kuntratt li għandna ma' KIP Għawdex Ltd għandu jiġġedded għal tlett xhur oħra, sal-aħħar ta' Marzu 2012. B'hekk f'eventwalita' li tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid, il-ġbir ta' skart ikun jista' jibqa' isir sakemm isir il-proċess kollu tal-ħruġ u anke tal-għażla tal-offerta. Jekk jintlaħaq ftehim flimkien mal-Kunsilli involuti u tingħażel offerta, ma jkunx hemm bżonn li jiġġedded il-kuntratt li għandna preżentament.

## 8. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-56 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 9. Materja oħra

9.01 Il-Kunsillier Frankie Formosa informa lill-Kunsill li f'parti minn Triq ta' Għammar hemm bżonn li teħel lampa ġdida peress li hija mudlama. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex issir lampa ġdida.

9.02 Il-Kunsillier Joseph Farrugia qal li irċieva ilmenti dwar karozzi li qed jipparkjaw iż-żewġ naħat ta' Triq il-Fanal (l-ewwel parti minn naħa ta' Pjazza s-Salvatur) u b'hekk it-traffiku ma' jkunx jista' jgħaddi. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta sabiex din il-parti tat-triq isiru sinjali sofor u b'hekk jipparkjaw fuq naħa waħda biss.

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wasal ilment l-Uffiċċju tal-Kunsill biex issir tabella li tindika fejn huma Trejqet id-Dehra, Trejqet San

Pupulju u Trejqet Dun Ġużepp Cassar. Il-Kunsill qabel li nordnaw tabella u teħel fuq barra ta' dawn l-isqaqin biex tkun tidher minn Triq Għammar.

9.04 Rose Sultana ta' Triq il-Knisja talbet li teħel mera tat-traffiku fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Salvu Gambin. F'dan il-post diġa hemm mera tat-traffiku li turi minn Triq il-Knisja għal Triq il-Wilġa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li issir it-tieni mera tat-traffiku iżda importanti li l-ewwel ikun hemm il-permess ta' sid il-post fejn se teħel il-mera.

9.05 Bernarda Zammit ilmentat mal-Kunsill dwar il-problema tal-ilma tax-xita. Hija qed titlob li jsir gandott tal-ilma tax-xita quddiem il-garaxx tagħha. Il-Kunsill qabel li f'dawn l-inħawi diġa saru gandotti biex jilqgħu l-ilma. Il-Kunsill qabel li għandna immorru fuq il-post biex naraw x'jista' isir aktar biex tissolva din il-problema.

9.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Librarian Marvic Attard Briffa qed tgħin fix-xogħol klerikali tal-Kunsill u anke tieħu ħsieb L-Għasri Sub Post Office. Hija tgħin ukoll fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill matul is-sena speċjalment l-attivitajiet ta' żmien il-Milied u l-festa tar-raħal. Peress li l-volum ta' xogħol żdiet, is-Sindku ippropona li l-Librarian tibda taħdem għoxrin siegħa fil-ġimgħa u b'hekk tkun impjegata bħala Part time. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u għalhekk il-Librarian Marvic Attard Briffa se tibda tkun impjegata fuq bażi ta' part time mis-sena 2013.

9.07 Victoria Formosa ta' Triq il-Fanal infurmat lill-Kunsill li Triq il-Fanal in-naħa ta' Triq Gallina hemm bżonn li titranġa. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

9.08 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caurana informa lill-Kunsill li Triq Wied L-Għasri għandha bżonn titranġa u jitneħħa t-tajn li hemm. Dan it-tajn ġie wara l-maltempata ta' ftit jiem ilu. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

9.09 Dwar Triq Wied L-Għasri s-Sindku informa lill-Kunsill li wara l-maltemp li kelna aktar kmieni din is-sena u anke ftit tal-jiem ilu, partijiet minn din it-triq kienu inqalgħu għal kollox u għalhekk kien hemm bżonn li jsir xogħol ta' manutenzjoni urġenti biex ir-raħħala ikunu jistgħu jgħaddu għall-egħlieqi tagħhom. Is-Sindku qal li l-materjal (konkos) kien se jingħata mill-Ministeru għal Għawdex iżda inqalgħu xi problemi rigward dan. Għalhekk peress li t-triq ma setgħetx titħalla kif inhi ġie deċiż li x-xogħol u anke l-materjal isir mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li kellu jsir dan ix-xogħol urġenti peress li t-triq kienet fi stat ħażin ħafna. Jekk dan ix-xogħol ma jsirx ikun hemm il-periklu li t-triq kollha tinqala u b'hekk l-ispiża tikber ferm aktar.

9.10 Il-Kunsill irċieva xi ilmenti dwar xi ħofor li hemm fi Triq Wied Sara, Trejqet San Pupulju u xi toroq oħra. Il-Kunsill qabel li jsir xogħol ta' patching bil-cold asphalt fit-toroq kollha li hemm bżonn.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru, 2012 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fl-9.45p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv